Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 38/21**
il-Lussemburgu, 16 ta' Marzu 2021

Sentenzi fil-kawżi
C-562/19 P Il-Kummissjoni vs Il-Polonja
u C-596/19 P Il-Kummissjoni vs L-Ungerija

# It-taxxa Pollakka fis-settur tal-bejgħ bl-imnut u t-taxxa Ungeriża fuq ir-reklamar ma jiksrux id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat

*Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appelli tal-Kummissjoni u tikkonferma s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali*

Permezz ta' liġi li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2016, il-Polonja stabbiliet taxxa fis-settur tal-bejgħ bl-imnut. Din it-taxxa kienet ibbażata fuq id-dħul mill-bejgħ fix-xahar magħmul minn kull bejjiegħ bl-imnut fuq il-bejgħ ta' merkanzija lill-konsumaturi, li jaqbeż ammont ta' 17-il miljun zloty Pollakk (PLN) (madwar EUR 4 miljun). Din it-taxxa tinkludi żewġ rati differenti: rata ta' 0.8 % li tapplika għad-dħul mill-bejgħ bejn PLN 17-il miljun u PLN 170 miljun u rata ta' 1.4 % li tapplika fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ li jaqbeż dan l-aħħar ammont.

Wara l-proċedura ta' investigazzjoni formali ta' din il-miżura mibdija b'deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2016 [1], il-Kummissjoni Ewropea qieset, permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2017 [2], li din it-taxxa progressiva kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern u ordnat lill-Polonja tannulla l-ħlasijiet kollha pendenti taħt din it-taxxa, b'effett mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Mejju 2019 [3], il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, adita mill-Polonja, annullat, minn naħa, id-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u, min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni negattiva dwar il-Polonja. Hija ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet qieset b'mod żbaljat li l-istabbiliment ta' taxxa progressiva fuq id-dħul mill-bejgħ iġġenerat mill-bejgħ bl-imnut tal-merkanzija kien jagħti lok għal vantaġġ selettiv favur kumpanniji bi dħul mill-bejgħ baxx marbut ma' din l-attività u li, fir-rigward tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, hija ma setgħetx, fl-istat tal-fajl fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, tikklassifika provviżorjament il-miżura fiskali inkwistjoni bħala għajnuna ġdida mingħajr ma tibbaża ruħha fuq l-eżistenza ta' dubji leġittimi fuq dan il-punt.

Min-naħa tagħha, l-Ungerija kienet stabbiliet, permezz ta' liġi li daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Awwissu 2014, taxxa progressiva fuq id-dħul mill-bejgħ marbuta mal-pubblikazzjoni ta' reklamar f'dan l-Istat Membru. Din it-taxxa, ibbażata fuq id-dħul mill-bejgħ nett fix-xahar magħmul minn min jirreklama (l-istampa bil-miktub, il-media awdjoviżiva, il-billboards) li jopera fl-Ungerija, inizjalment inkludiet skala ta' sitt rati progressivi skont id-dħul mill-bejgħ, sussegwentement adattata sabiex tinkludi żewġ rati biss, u kienet suġġetta għall-possibbiltà, għall-persuni taxxabbli li l-profitt tagħhom qabel it-taxxa tas-sena finanzjarja 2013 kien żero jew negattiv, li jnaqqsu mill-valur taxxabbli tagħhom 50 % mit-telf ittrasferit mis-snin finanzjarji preċedenti.

---

[1] Deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2016, Għajnuna mill-Istat SA.44351 (2016/C) (ex 2016/NN) – Taxxa Pollakka fuq is-settur tal-bejgħ bl-imnut – Stedina biex jintbagħtu kummenti skont l-Artikolu 108(2) [TFUE] (ĠU 2016, C 406, p. 76, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ftuħ").

[2] Deċiżjoni (UE) 2018/160 tat-30 ta' Ġunju 2017 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.44351 (2016/C) (ex 2016/NN) implimentata mill-Polonja għat-taxxa fuq is-settur tal-bejgħ bl-imnut (ĠU 2018, L 29, p. 38, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni negattiva dwar il-Polonja").

[3] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2019, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, T-836/16 u T-624/17; ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 64/19.

Wara l-proċedura ta' investigazzjoni formali ta' din il-miżura, miftuħa b'deċiżjoni tat-12 ta' Mejju 2015 [4], il-Kummissjoni qieset, b'deċiżjoni tal-4 ta' Novembru 2016 [5], li l-miżura fiskali adottata mill-Ungerija, minħabba kemm l-istruttura tagħha kif ukoll il-possibbiltà li jitnaqqas it-telf ittrasferit li kienet tipprovdi, kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern u ordnat l-irkupru immedjat u effettiv tal-għajnuna mħallsa lill-benefiċjarji tagħha.

Permezz tas-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2019 [6], il-Qorti Ġenerali, adita mill-Ungerija, annullat din l-aħħar deċiżjoni, billi ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet qieset b'mod żbaljat li l-miżura fiskali inkwistjoni u l-mekkaniżmu ta' tnaqqis parzjali tat-telf ittrasferit kienu jikkostitwixxu vantaġġi selettivi.

Fiż-żewġ sentenzi mogħtija fis-16 ta' Marzu 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, tiċħad l-appelli ppreżentati mill-Kummissjoni fil-konfront tas-sentenzi appellati. Insostenn tal-appelli tagħha, il-Kummissjoni argumentat b'mod partikolari li l-Qorti Ġenerali kienet kisret l-Artikolu 107(1) TFUE, billi ddeċidiet li n-natura progressiva tat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ rispettivament inkwistjoni ma wasslitx għal vantaġġ selettiv.

Filwaqt li teskludi l-ilmenti tal-Kummissjoni fis-sentenzi tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tafferma mill-ġdid, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, il-prinċipju stabbilit f'termini ta' libertajiet fundamentali tas-suq intern li jgħid li, **fl-istat attwali tal-armonizzazzjoni tad-dritt fiskali tal-Unjoni, l-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu s-sistema ta' tassazzjoni li huma jqisu l-iktar xierqa, b'mod li l-applikazzjoni ta' tassazzjoni progressiva bbażata fuq id-dħul mill-bejgħ taqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali ta' kull Stat Membru** [7], bil-kundizzjoni li l-karatteristiċi kostituttivi tal-miżura inkwistjoni ma jkollhom l-ebda element manifestament diskriminatorju.

L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' miżura ta' portata ġenerali bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-kundizzjoni dwar is-selettività tal-vantaġġ prevista mill-miżura inkwistjoni tirrikjedi li jiġi ddeterminat jekk din tkunx ta' natura li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" meta mqabbla ma' oħrajn, li huma, fir-rigward tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema, f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli u li għalhekk ikunu suġġetti għal trattament iddifferenzjat li jkun jista' essenzjalment jiġi kklassifikat bħala diskriminatorju. B'mod partikolari, fil-każ ta' miżura fiskali nazzjonali, hija l-Kummissjoni, wara li tkun identifikat is-sistema ta' referenza, jiġifieri s-sistema fiskali "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, li turi li l-miżura fiskali inkwistjoni tidderoga minn din is-sistema ta' referenza, sa fejn hija tintroduċi differenzjazzjoni bejn operaturi li, fir-rigward tal-għan imfittex minn din is-sistema tal-aħħar, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli, mingħajr madankollu ma ssib xi ġustifikazzjoni fir-rigward tan-natura jew tal-istruttura tas-sistema inkwistjoni.

Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, l-ewwel nett, jekk, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidietx, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma kinitx wriet li n-natura progressiva tal-miżuri fiskali inkwistjoni kellha l-konsegwenza li tagħti vantaġġ selettiv lil "ċerti impriżi jew [lil] ċerti produtturi". Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-analiżi tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-progressjoni tar-rati prevista mill-miżuri fiskali rispettivament inkwistjoni kienet tagħmel parti integrali mis-sistema ta' referenza li fir-rigward tagħha kellu jiġi evalwat jekk l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv setax jiġi stabbilit.

---

[4] Deċiżjoni tat-12 ta' Marzu 2015, Għajnuna mill-Istat SA.39235 (2015/C) (ex 2015/NN) – l-Ungerija – Taxxa tar-riklamar – Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 108(2) [TFUE] (ĠU 2015, C 136, p. 7).

[5] Deċiżjoni (UE) 2017/329 tal-4 ta' Novembru 2016 dwar il-miżura SA.39235 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Ungerija dwar it-taxxa tad-dħul mir-reklamar (ĠU 2017, L 49, p. 36).

[6] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2019, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni, T-20/17; ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 84/19 (iktar 'il quddiem, flimkien mas-sentenza Il-Polonja vs Il-Kummissjoni iċċitata iktar 'il fuq, is-"sentenzi appellati").

[7] Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2020, Vodafone Magyarország, C-75/18, punt 49, u tat-3 ta' Marzu 2020, Tesco-Global Áruházak, C-323/18, punt 69 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 20/20), kif ukoll, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED, C-233/16, punt 50 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru°57/18).

Fil-fatt, **fid-dawl tal-awtonomija fiskali mogħtija lill-Istati Membri barra mill-oqsma li kienu s-suġġett ta' armonizzazzjoni fid-dritt tal-Unjoni, dawn huma liberi li jistabbilixxu s-sistema ta' tassazzjoni li huma jqisu l-iktar xierqa, billi jadottaw, fejn xieraq, tassazzjoni progressiva.** B'mod partikolari, id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, bħala prinċipju, ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jiddeċiedu li jagħżlu rati ta' tassazzjoni progressivi, intiżi li jieħdu inkunsiderazzjoni l-kapaċità tal-persuni taxxabbli li jħallsu, u lanqas ma tobbliga lill-Istati Membri jirriżervaw l-applikazzjoni ta' rati progressivi biss għal taxxi bbażati fuq il-profitti, bl-esklużjoni ta' dawk ibbażati fuq id-dħul mill-bejgħ.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-karatteristiċi li jikkostitwixxu t-taxxa, li minnha jagħmlu parti r-rati ta' tassazzjoni progressivi, jifformaw, bħala prinċipju, is-sistema ta' referenza jew is-sistema fiskali "normali" għall-finijiet tal-analiżi tal-kundizzjoni ta' selettività. Hija l-Kummissjoni li, fejn xieraq, għandha turi li l-karatteristiċi ta' miżura fiskali nazzjonali kienu tfasslu b'mod manifestament diskriminatorju, bil-għan li jiġu esklużi mis-sistema ta' referenza, li jaf b'mod partikolari juri għażla ta' kriterji ta' tassazzjoni inkoerenti fid-dawl tal-għan imfittex minn din il-miżura. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tikkonstata li f'dan il-każ, **il-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-karatteristiċi tal-miżuri adottati rispettivament mil-leġiżlatur Pollakk u mil-leġiżlatur Ungeriż kienu tfasslu b'mod manifestament diskriminatorju**, bil-għan li jiġu evitati r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet, fis-sentenzi appellati, li l-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha b'mod żbaljat fuq sistema ta' referenza inkompleta u fittizja meta kkonstatat li l-iskala progressiva tal-miżuri fiskali rispettivi inkwistjoni ma kinitx parti mis-sistema ta' referenza li fid-dawl tagħha kellha ssir l-analiżi tan-natura selettiva ta' dawn il-miżuri.

**Fil-kawża (C-562/19 P) dwar it-taxxa fis-settur tal-bejgħ bl-imnut stabbilita fil-Polonja**, il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement teżamina r-raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha sabiex tannulla wkoll id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar il-miżura fiskali adottata minn dan l-Istat Membru. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali essenzjalment iddeċidiet li l-Kummissjoni kienet ibbażat il-klassifikazzjoni provviżorja bħala għajnuna ġdida tal-miżura fiskali inkwistjoni fuq analiżi manifestament żbaljata ta' din tal-aħħar, li konsegwentement ma kinitx issostni l-eżistenza ta' dubji leġittimi dwar il-klassifikazzjoni ta' din il-miżura bħala għajnuna ġdida. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-qorti tal-Unjoni, meta tistħarreġ il-validità ta' tali deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, tintalab biss teżerċita stħarriġ limitat fuq l-evalwazzjoni adottata mill-Kummissjoni rigward il-klassifikazzjoni ta' miżura bħala "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, meta ddeċidiet b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali sempliċement eżerċitat, fuq il-klassifikazzjoni provviżorja ta' għajnuna mill-Istat adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, stħarriġ tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni u tqis f'dan ir-rigward li hija, fi kwalunkwe każ, ma annullatx din id-deċiżjoni insegwitu għal sempliċi ripetizzjoni tal-motivi li permezz tagħhom hija kienet annullat id-deċiżjoni negattiva dwar il-Polonja. Konsegwentement, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-aggravji diretti kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali sa fejn hija annullat id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u l-ordni ta' sospensjoni marbuta magħha**.

Fl-aħħar nett, **fil-kawża (C-596/19 P) dwar it-taxxa fuq ir-reklamar stabbilita fl-Ungerija, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Qorti Ġenerali ma kienet wettqet l-ebda żball ta' liġi meta qieset li l-mekkaniżmu tranżitorju ta' tnaqqis parzjali tat-telf ittrasferit ma kienx jagħti vantaġġ selettiv.** Fil-fatt, l-istabbiliment ta' miżura tranżitorja li tqis il-profitti ma kinitx inkoerenti mal-għan ta' ridistribuzzjoni mfittex mil-leġiżlatur Ungeriż meta stabbilixxa t-taxxa fuq ir-reklamar. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza f'dan ir-rigward li, f'dan il-każ, il-kriterju relatat mal-assenza ta' profitti rreġistrati fir-rigward tas-sena finanzjarja preċedenti għal dik tad-dħul fis-seħħ ta' din it-taxxa kellu natura oġġettiva, peress li l-impriżi li jibbenefikaw mill-mekkaniżmu tranżitorju ta' tnaqqis parzjali ta' telf kellhom, minn din il-perspettiva, kapaċità kontributtiva inferjuri għall-oħrajn.

Għal dawn il-motivi, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appelli ppreżentati mill-Kummissjoni fil-konfront tas-sentenzi appellati fl-intier tagħhom.**

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenzi (C-562/19 P u C-596/19 P) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*